Il-Papa Franġisku jistidinna sabiex nitolbu biex l-Insara fl-Afrika jimitaw lil Ġesù mimli ħniena u jagħtu xhieda profetika ta' rikonċiljazzjoni, ġusitizzja u paċi.



**Qari:** *Minn omelija ta' Papa Franġisku li għamel fil-Korea f'Awwissu 2016*

Fil-Vanġelu ta' San Mattew Pietru jistaqsi lill-Mulej: "Xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu? Sa seba' darbiet?". Il-Mulej iwieġbu: "Ma ngħidlekx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba". Dawn il-kelmiet imissu l-qalba tal-messaġġ ta' rikonċiljazzjoni u ta' paċi li jrid iwasslilna Ġesù. F'ubbidjenza għall-kmandament tiegħu, nitolbu ta' kuljum lil Missierna tas-Sema biex jaħfrilna dnubietna, "kif aħna naħfru lil min hu ħati għalina". Jekk m'aħniex lesti li nagħmlu daqshekk ieħor aħna, kif nistgħu onestament nitolbu għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni?

Ġesù jitlobna nemmnu li l-maħfra hi l-bieb li jwassal għar-rikonċiljazzjoni. Meta jikkmandana naħfru lil ħutna bla ebda riserva, Hu qed jitlobna nagħmlu xi ħaġa għal kollox radikali, imma jagħtina wkoll il-grazzja biex nistgħu nagħmluha. Dak li, mil-lenti umana jidher impossibbli li jsir u saħansitra ta' stmerrija, Ġesù, bil-qawwa bla tarf tas-salib tiegħu, jagħmlu possibbli u li jħalli l-frott. Is-salib ta' Kristu jikxef il-qawwa ta' Alla li jdewwi kull firda, li jfejjaq kull ġerħa u li jerġa' jwaqqaf ir-rabtiet oriġinali ta' mħabba bejn l-aħwa.

Mulej Alla li tista' kollox, Inti li int għerf bla qies,
żgur li meta ħlaqt id-dinja ma kellekx f'moħħok
li l-bniedem jibda jaħqar jew li joqtol lil ħuh.
Inti ridt li d-dinja tkun post fejn isaltnu l-armonija, l-imħabba u l-paċi.
Imma l-bniedem, sfortunatamnt, jaħsibha mod ieħor.
Iħalli l-għira, l-intolleranza, is-suppervja, il-kilba għall-poter u għall-flus,
ibejtu f'qalbu sakemm iwasslu għall-vjolenza u għall-qerda tal-paċi.
Għalhekk Mulej, nitolbuk sabiex tiżra' fil-qalb tal-bnedmin
iż-żerriegħa tal-ġustizzja, tal-maħfra, tar-rikonċiljazzjoni u tal-paċi.
Il-Papa Franġisku jridna nitolbu biex l-insara fl-Afrika,

jimitaw lil Ġesù, u jaħfru lil min qed jagħmlilhom ħajjthom diffiċli,
sabiex jaħfru lil min qiegħed jippersegwitahom minħabba twemminhom.
Anzi l-Papa jixtieq li flok li huma jpattu u jirrikorru għall-vjolenza,
jaħdmu bla waqfien għall-paċi, għall-ġustizzja u għar-rikonċiljazzjoni.
Mulej, x'inhi rikonċiljazzjoni?
Żgur li mhijiex li tpatti għad-deni li jagħmlulek,
iżda li tagħmel bħalma għamel ibnek Ġesù fuq is-salib;
li titlob għal min qed jagħmillek id-deni u li taħfer minn qalbek,
u li tgħid bħalu, "Aħfrilhom Mulej għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."
Mhux faċli Mulej li taħfer lil min jagħmillek id-deni,
lil min joqtollok lil ħuk, lil bintek jew lil ommok.
Għinhom Mulej ħalli jemmnu bil-qalb kollha
Li, bl-għajnuna tiegħek, il-feriti u l-ġerħiet ifiequ,
u terġa' ssaltan l-imħabba u l-paċi.
Għalhekk Mulej, nitolbuk sabiex tibgħat mexxejja fil-pajjiżi tal-Afrika
sabiex jaħdmu għall-maħfra li twassal għall-paċi
u r-rikonċijazzjoni qalb il-poplu Afrikan.
Agħmel Mulej li l-poplu Afrikan ikun strument f'idejk
ħalli ssaltan l-armonija u l-hena fi qlubhom.

**KANT**

**Qari:** *Diskors tal-Papa Franġisku f'Baku fis-sena 2016*

Il-fraternità u l-qsim ma' xulxin li tant nixtiequ jikbru, ma jistgħux jiġu apprezzati minn min ħsiebu biex josserva l-firdiet, irewwaħ it-tensjonijiet u jara x'ħa jiggwadanja hu mill-ġlied u t-tilwim; imma huma mixtieqa u mistennija minn min irid il-ġid komuni. Fuq kollox dawn jogħġbu lil Alla, li hu Mogħdrija u Ħniena, u li jrid lil ulied il-familja ewlenija tal-bnedmin ikunu magħquda iżjed bejniethom u li dejjem ikunu miftuħa għad-djalogu. Nizami Ganjavi, li kien poeta kbir, kiteb hekk: "Jekk int uman, tħallat mal-bnedmin, għax il-bnedmin jgħadduha tajjeb ma' xulxin."

Meta ninfetħu għall-oħrajn, ma niftaqrux, imma nistagħnew, għax dan jgħinna nsiru iżjed bnedmin: jgħinna nagħrfu li aħna parti attiva minn *għaqda kbira* u ninterpretaw il-ħajja bħala don għall-oħrajn. Naraw bħala mira mhux l-interessi tagħna, imma l-ġid tal-umanità; naġixxu bla idealiżmi u bla interventiżmi, bla ma nagħmlu interferenzi li jagħmlu ħsara jew azzjonijiet sfurzati, imma dejjem fir-rispett tad-dinamika storika, tal-kultura u tat-tradizzjonijiet reliġjużi.

Mulej, inti ħniena u mħabba bla qies
u tixtieq li aħna nkunu magħqudin fl-imħabba ta' bejnietna,
ħalli ssaltan il-paċi vera, li hi mibnija fuq ir-rispett lejn xulxin,
fuq il-laqgħa ma' xulxin u fuq il-qsim ma' xulxin,
fuq ir-rieda li mmorru lil hemm mill-preġudizzji u l-ħtijiet tal-imgħoddi,
fuq iċ-ċaħda tal-wiċċ b'ieħor u l-interessi ta' kull wieħed individwali.
Agħti l-kuraġġ Mulej, lill-Afrikani u lilna wkoll,
Sabiex, animati mill-kuraġġ li negħlbu l-ħitan,
naħdmu għall-paċi li tibqa', biex neqirdu l-faqar u l-inġustizzji,
biex nikkundannaw u nwaqqfu t-tixrid tal-armi
u l-gwadann inġust minn fuq dahar ħaddieħor.
Agħti Mulej, lill-Afrikani ppersegwitati,
il-kuraġġ biex jilqgħu l-isfida ta' Papa Franġisku
biex jibnu ġejjieni ta' sliem u djalogu bejniethom:
biex ma jfittxux soluzzjonijiet vjolenti u drastiċi ta' firda u mibegħda,
imma biex jibdew jimxu flimkien matul it-triq
tas-sabar, tal-maħfra, ta' rikonċiljazzjoni.
Mulej, agħtihom il-kuraġġ biex iwarrbu kull ħażen u kull korla,
sabiex jaslu bex ikunu twajba ma' xulxin, biex iħennu għal xulxin,
biex jaħfru lil xulxin, bħalma int ħfirt lilhom u lilna lkoll fi Kristu Ġesù;
sabiex ikunu jixbhu lilek, bħala l-ulied maħbuba tiegħek.
Għinhom ħalli jimxu fl-imħabba,
bħalma Kristu Ġesù ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina
b'offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiemek.

**KANT**

**NITOLBU FLIMKIEN**

Nitolbuk Mulej, sabiex jinfetħu opportunitajiet ġodda ta' djalogu u ta' laqgħa, fejn jintrebħu d-differenzi, biex ikun hemm il-paċi u s-sliem fil-pajjiżi Afrikani.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu Mulej, ħalli r-reliġjonijiet ikunu għodda ħajja biex jiftħu t-toroq tar-rikonċiljazzjoni u l-maħfra, u biex jingħelbu l-vjolenzi u t-traġedji tal-passat u t-tensjonijiet tal-lum.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej Ġesù, agħti l-kuraġġ lill-insara Afrikani ħalli huma jemmnu li l-maħfra hi l-bieb li twassal għar-rikonċiljazzjoni.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej Ġesù, urihom il-qawwa ta' Alla li ddewwi kull firda, li tfejjaq kull ġerħa u li terġa' twaqqaf ir-rabtiet ta' mħabba bejn l-aħwa, ħalli b'hekk ma jibżgħux jagħmlu l-ewwel pass biex jaħfru lil min għamlilhom id-deni u jibdew il-mixja lejn ir-rikonċiljazzjoni u l-paċi.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Saħħaħ Mulej, bl-Ispirtu tiegħek lil dawk kollha li qed jaħdmu għall-paċi, għall-maħfra, għar-rikonċilljazzjoni u għall-ġustizzja ħalli, bħas-salmista, ikunu jistgħu jgħidu li mqar jekk f'wied mudlam, inti tkun dejjem magħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk għalina l-Insara kollha madwar id-dinja, sew dawk ippersegwitati u dawk li mhumiex, sabiex permezz tal-Ispirtu tiegħek, nissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u biex Kristu jgħammar f'qalbna permezz tal-fidi, biex b'hekk inniżżlu l-għeruq tagħna fl-imħabba u nibnu ħajjitna fuqha.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.